MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Numru 522/2008

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Claudette Gatt, bint Lawrence, imwieleda San Ġiljan fid-9 ta' Awwissu, 1978

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata –
1. talli fit-23 ta' Marzu, 2008, bejn is-7.00 a.m. u is-7.00 p.m. waqt li kienet xogħol ġewwa l-Isptar Zammit Clapp, Triq Reggie Miller, Gżira kkomettiet serq ta' portmoni li kien fih, 'credit card' ta' l-HSBC, 10 euro, karta' l-identita' u liċenzja tas-sewqan għad-dannu ta' Diane Cauchi;
2. talli fis-26 ta' Marzu, 2008 għal habta tas-6.52 p.m. ġewwa l-Gżira, mill-ATM tal-Bank of Valletta kkomettiet serq ta' €500 għad-dannu ta' Diane Cauchi, il-bank HSBC

u il-Bak of Valletta liema serq hu kkwalifkat bil-mezz u bil-valur;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi b’mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlet użu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq ieħor ingann jew billi uriet ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika, għamlet qliegħ għad-dannu ta’ Diane Cauchi, il-bank HSBC u il-Bank of Valletta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2008 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li l-€500 ġew mogħtija lura.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2008 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata dwar il-piena.
Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 261(b)(ċ), 263, 267, 278(1)(2) u 308 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni bikrija u il-fatt li l-flus ġew mogħtija lura. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------